VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,995, 30 ta' Novembru, 2012
Taqsima B

A.L. 424 tal-2012

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 57 u 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 li jemendaw l-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Erbatax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Erbatax-il Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "l-Iskeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti jdaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/45/UE tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2010 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.

Jissostitwixxi t-Taqsima Wieħed tal-Iskeda.

2. It-Taqsima Wieħed tal-Iskeda għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Taqsima Wieħed

Servizzi Professjonali

Tifsir

1. F'din it-Taqsima -

"servizzi professjonali" tfisser:

(a) servizzi mogħtija minn persuna li jkollha *warrant* maħruġ bis-saħħa ta' xi liġi fis-seħħ f'Malta biex teżerċita l-professjoni tagħha b'mod indipendenti fl-eżerċizzju ta' dik il-professjoni;

(b) servizzi minn grupp ta' persuni li għandhom *warrant* maħruġ bis-saħħa ta' xi liġi fis-seħħ f'Malta biex jeżerċitaw professjoni kemm jekk assoċjati bi sħab sew

VERŻJONI ELETTRONIKA

jekk le iżda eskluża soċjetà kummerċjali;

(ċ) servizzi mogħtija minn arbitru fuq talba għal arbitraġġ magħmula skond l-Att dwar l-Arbitraġġ;

(d) servizzi mogħtija minn perit ġudizzjarju jew minn espert appuntat minn qorti jew minn tribunal imwaqqfa skond il-liġi.

Għażla għal kontabilità bbażata fuq ħlasijiet

2. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, persuna li tipprovdi servizzi professjonali u li l-valur tal-bejgħ annwali tagħha ma jeċċedix €2,000,000, eskluż it-taxxa, tista' tagħżel li d-data li fiha ssir dovuta t-taxxa tkun l-aktar waħda kmieni miż-żewġ dati li ġejjin:

(a) id-data li fattura ta' taxxa jew riċevuta fiskali, skont il-każ, tinħareġ għall-imsemmija provvista, sal-limitu inkluż f'dik il-fattura jew riċevuta;

(b) id-data meta jsir ħlas għal dik il-provvista, sal-limitu inkluż f'dak il-ħlas:

Iżda bil-kondizzjoni li d-dritt għat-tnaqqis tal-*input tax* ta' dik il-persuna għandu jiġi pospost sakemm it-taxxa fuq l-oġġetti jew is-servizzi pprovduti lilha tkun tħallset lill-fornitur tagħha.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ma japplikawx fil-każ ta' provvisti ta' servizzi fejn it-taxxa trid titħallas mill-persuna li lilha ssir il-provvista u fil-każ ta' provvisti u trasferimenti msemmija fil-partita 4 tar-Raba' Skeda.

Data meta jingħataw xi servizzi professjonali

3. Meta, għal xi għan ta' dan l-Att, ikun meħtieġ li tiġi stabbilita d-data li fiha jitwettqu s-servizzi msemmija f'din it-Taqsima, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-servizzi ta' avukat jew ta' prokuratur legali fl-assistenza li tingħata lil xi parti fi proċeduri ġudizzjarji għandhom jitqiesu li jkunu ġew mogħtija fid-data meta digriet finali jew sentenza f'dawk il-proċedimenti tingħata mill-qorti li fiha jkunu nfetħu dawk il-proċedimenti (servizzi li għandhom x'jaqsmu ma' proċedimenti miftuħa fi qrati differenti jitqiesu bħala li jkunu ġew provduti separatament) jew, meta l-avukat jew il-prokuratur legali jitlaq jew jinbidel mill-klijent tiegħu f'data li tiġi qabel,

VERŻJONI ELETTRONIKA

f'dik id-data li tiġi qabel;

(b) is-servizzi ta' perit ġudizzjarju jew ta' espert maħtur minn qorti jew minn tribunal imwaqqaf skond il-liġi għandhom jitqiesu li jkunu ngħataw fid-data li fiha r-rapport jiġi ppreżentat jew magħmul lill-qorti jew tribunal jew, meta l-ħatra tiġi mitmuma f'xi data li tiġi qabel, f'dik id-data li tiġi qabel;

(ċ) is-servizzi ta' arbitru għandhom jitqiesu li jkunu ngħataw fid-data meta tingħata d-deċiżjoni jew, meta l-ħatra tiġi mitmuma f'xi data li tiġi qabel, f'dik id-data li tiġi qabel.

Fatturi u riċevuti għal servizzi professjonali

4. (1) Fejn hu meħtieġ li tinħareġ fattura ta' taxxa għal provvista ta' servizzi professjonali magħmula skond il-partita 2, din għandha tinħareġ mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar li jiġi wara dak li fih isir il-ħlas għall-imsemmija provvista ta' servizzi, sal-limitu kopert b'dak il-ħlas.

(2) Fejn hu meħtieġ li tinħareġ riċevuta fiskali għal provvista ta' servizzi professjonali magħmula skont il-partita 2, din għandha, sakemm ma tkunx inħarġet qabel ikun sar il-ħlas, tinħareġ u tingħata lill-persuna li tkun għamlet il-ħlas jew lill-persuna li tkun irċeviet il-provvista minnufih wara li jkun sar il-ħlas, sal-limitu kopert b'dak il-ħlas.

Taxxa fuq xi servizzi professjonali fejn it-tariffi tal-ħlas huma stabbiliti bil-liġi

5. (1) It-taxxa li għandha titħallas fuq provvista ta' servizzi professjonali għandha tkun ta' ammont b'żieda mal-ammont li jirriżulta li għandu jitħallas għal dawk is-servizzi skond xi tariffa ta' ħlas stabbilita bis-saħħa ta' xi liġi li tkun fis-seħħ f'Malta.

(2) Ebda ħaġa f'din il-partita ma għandha tinftiehem bħala li teħtieġ lil xi persuna li tkun meħtieġa skond il-liġi li tistma jew tiddikjara l-ħlas li għandu jitħallas skond dik it-tariffa milli tiddikjara jew tistma ukoll l-imsemmija taxxa.

(3) F'kull kawża għat-twettiq tat-titolu esekuttiv imsemmi fl-artikolu 253(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-ammont li għalih il-ħlas jista' jkun esegwibbli għandu jkun l-ammont li jintwera fit-taxxa tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

ispejjeż inkwistjoni miżjud b'kull taxxa li għandha titħallas fuq il-provvista ta' servizzi professjonali li għalihom tirreferi t-taxxa tal-ispejjeż kif ippruvat permezz ta' fattura ta' taxxa jew irċevuta fiskali jew kopja awtentika tagħha, mehmuża mal-imsemmija taxxa.

(4) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (3) ta' din il-partita għandhom ikunu bla preġudizzju għad-dritt tad-debitur li jitlob li jingħata l-fattura ta' taxxa jew irċevuta fiskali oriġinali skond il-partita 6 ta' din it-Taqsima.

Taxxa mitluba minn terzi persuni

6. Id-disposizzjonijiet ta' din il-partita għandhom japplikaw għal kull kawża għall-ħlas ta' drittijiet ta' servizzi professjonali magħmula kontra persuna li ma tkunx dik il-persuna li lilha tkun saret il-provvista tas-servizzi:

(a) il-persuna li kontra tagħha tkun saret il-kawża ma għandhiex tkun marbuta li tħallas l-ammont li jirreferi għat-taxxa, jekk ikun hemm, li għandu jitħallas fuq il-provvista ta' dawk is-servizzi sakemm l-oriġinal tal-fattura ta' taxxa jew irċevuta fiskali għal dawk is-servizzi kif mitlub fid-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' din il-partita ma tingħatax lilha, jew, fejn il-kawża tkun saret kontra għadd ta' persuni flimkien, lil xi wieħed minnhom;

(b) fattura ta' taxxa jew irċevuta fiskali mogħtija skond kif imsemmi hawn fuq għandu jkun fiha, minbarra t-tagħrif meħtieġ skond l-Att -

(i) id-dikjarazzjoni li tidher hawn taħt iffirmata mill-persuna lil lilha jkunu ingħataw l-imsemmija servizzi:

"Niddikjara li ebda kreditu għall-*input tax* ma ntalab jew ser jintalab lura minni fir-rigward tas-servizzi professjonali li għalihom tirreferi din il-fattura ta' taxxa/riċevuta fiskali.";

(ii) meta l-persuna li kontra tagħha tkun saret il-kawża jew it-talba tkun persuna reġistrata taħt l-artikolu 10, jew, meta l-kawża tkun saret kontra għadd ta' persuni flimkien, jekk xi wieħed minnhom ikun persuna reġistrata taħt l-artikolu 10, l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud ta' l-imsemmija persuna reġistrata;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) meta fattura ta' taxxa jew riċevuta fiskali għall-ħlas ta' servizzi professjonali li tkun tikkonforma mad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' din il-partita tingħata lil persuna taxxabbli li hi marbuta bil-liġi li tħallas jew tirrifondi l-imsemmi ħlas din għandha għall-għanijiet ta' dan l-Att titqies daqslikieku kienet fattura ta' taxxa għal servizzi professjonali provduti lilha.".

Jissostitwixxi t-Taqsima Tlieta tal-Iskeda.

3. It-Taqsima Tlieta tal-Iskeda għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Taqsima Tlieta

Provvisti minn Bejjiegħa bl-Imnut u minn Kuntratturi ta' Inġinerija Ċivili, Mekkanika u Elettrika

Applikabilità

1. Din it-Taqsima tapplika għal bejjiegħa bl-imnut, kuntratturi ta' inġinerija ċivili, mekkanika u elettrika li l-valur tal-bejgħ annwali tagħhom ma jeċċedix €2,000,000, eskluż it-taxxa.

Għażla għal kontabilità bbażata fuq ħlasijiet

2. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, kull persuna msemmija fil-partita 1 tista' tagħżel li d-data li fiha ssir dovuta t-taxxa fuq provvisti magħmula minnha tkun l-aktar waħda kmieni miż-żewġ dati li ġejjin:

(a) id-data li fattura ta' taxxa jew riċevuta fiskali, skont il-każ, tinħareġ għall-provvista, sal-limitu inkluż f'dik il-fattura jew riċevuta;

(b) id-data meta jsir ħlas għal dik il-provvista, sal-limitu inkluż f'dak il-ħlas:

Iżda bil-kondizzjoni li d-dritt għat-tnaqqis tal-*input tax* ta' dik il-persuna għandu jiġi pospost sakemm it-taxxa fuq l-oġġetti jew is-servizzi pprovduti lilha tkun tħallset lill-fornitur tagħha.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ma japplikawx fil-każ ta' provvisti ta' oġġetti jew servizzi fejn it-taxxa trid titħallas mill-persuna li lilha ssir il-provvista u fil-każ ta' provvisti u trasferimenti msemmija fil-partita 4 tar-Raba' Skeda.".